MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 607/2004

**Kevin Zahra**

**vs**

**Joseph Borg**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba ta’ l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, disa’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm2,975) rapprezentanti l-bilanc minnu dovut minn self brevi manu maghmul lilu bis-sahha ta’ skrittura privata tad-29 ta’ Settembru, 2003 flimkien ma’ l-imghax bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-29 ta’ Settembru, 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament (Dok KZ1).

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja tas-6 ta’ Ottubru, 2004, kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet lill-konvenut fejn ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------